



Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

5749/26
ADD 1

FIN 137
PE-L 3

NOTA

minn: Kumitat tal-Baġit
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024

- *Adozzjoni*
 - *Approvazzjoni ta' ittra*
-

**ABBOZZ ta' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali
tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 319 tiegħu,

Wara li wettaq l-eżami previst fl-Artikolu 319(1) TFUE,

Billi:

(1) Skont il-kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024:

- id-dħul ammonta għal EUR 250 609 479 558.38
- in-nefqa mħallsa mill-appropriazzjonijiet ammontat għal EUR 244 308 637 135.90
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament ikkanċellati riportati mis-sena *n-1* ammontaw għal EUR 334 138 602.61
- l-appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena *n+1* (inkluż id-dħul assenjat) ammontaw għal EUR 5 322 177 386.95
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-EFTA riportati mis-sena *n-1* ammontaw għal EUR 11 904 907.63
- il-bilanċ tad-differenzi fir-rati tal-kambju ammonta għal EUR 43 634 408.04
- il-bilanċ pożittiv tal-baġit ammonta għal EUR 1 344 533 138.55

- (2) EUR 2 122 194 947,23 (86,7 %) mill-EUR 2 446 873 482,99 f'approprjazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena 2024 ġew użati;
- (3) L-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma ANNESSI għal dan id-dokument;
- (4) Għall-Kunsill huwa importanti li l-kummenti tiegħu jiġu segwiti u jassumi li l-Kummissjoni ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha b'mod sħiħ, mingħajr dewmien;
- (5) Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti fl-2024 u l-2025 fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;
- (6) B'segwitu għall-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 meħuda globalment, abbażi tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Awdituri, hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' tali implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Dok. 7537/25, 8762/25, 9395/25, 10222/25, 10226/25, 10238/25, 10617/25, 15763/25, 15792/25 u 16693/25.

INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-Dikjarazzjoni ta' Aċċertament dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, kif ukoll is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditu pprovduti. Il-Kunsill jagħti importanza kbira lill-ħidma f'awditu indipendenti mwettqa mill-Qorti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 TFUE, b'mod speċifiku lill-kompitu ewlieni li tingħata dikjarazzjoni ta' aċċertament dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u tiġi eżaminata l-legalità u r-regolarità tad-dħul u n-nefqa.
2. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-opinjoni favorevoli tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-2024, li jkomplu jesprimu stampa preċiża u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE, kif ukoll l-opinjoni favorevoli dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-opinjoni kuntrarja dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, u jinsab imħasseb dwar l-opinjoni kwalifikata dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).
3. Filwaqt li jilqa' t-tnaqqis tar-rata kumplessiva ta' żball b'żewġ punti perċentwali meta mqabbla mas-sena preċedenti, minn 5,6 % fl-2023 għal 3,6 % fl-2024, il-Kunsill jiddispjaċih li ċ-ċifra għadha ogħla mil-livell limitu ta' materjalità.
4. Il-Kunsill japprezza l-fatt li l-Qorti ppreżentat għall-ewwel darba rata ta' żball għall-qasam ta' politika "Il-Viċinat u d-Dinja", li tindirizza l-appelli ripetuti, iġġustifikati mill-importanza politika tal-intestatura tan-nefqa u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn is-snin f'kull qasam ta' politika. Għalhekk, il-Kunsill ikompli jistieden lill-Qorti tipprovdi rata ta' żball għall-oqsma ta' politika kollha.

5. Il-Kunsill jappella kemm lill-Qorti kif ukoll lill-Kummissjoni biex ikomplu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, iżżid l-enfasi fuq indikaturi tal-prestazzjoni bbażati fuq ir-riżultati li jistgħu jkunu marbuta direttament mal-azzjonijiet tal-UE, bl-għan tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv.
 6. Finalment, il-Kunsill jappoġġa s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu kont tagħhom, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.
-

KAPITOLU 1

DIKJARAZZJONI TA' AĊĊERTAMENT U INFORMAZZJONI ĠUSTIFIKATTIVA

- 1.1. Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni favorevoli mogħtija mill-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropew (minn hawn 'il quddiem "il-kontijiet") għas-sena finanzjarja 2024 u jilqa' wkoll id-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2024, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-fluss ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li għalqet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq standards ta' kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.
- 1.2. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-fatt li d-dħul sottostanti għall-kontijiet għall-2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, bħal fi snin preċedenti. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jiddispjaċih li fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa, l-opinjoni tal-Qorti tibqa' kuntrarja.
- 1.3. Il-Kunsill jilqa' t-tnaqqis fir-rata kumplessiva ta' żball minn 5,6 % fl-2023 għal 3,6 %, minkejja li s-sehem tan-nefqa b'riskju għoli żdied. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih li r-rata għadha ogħla mil-livell limitu ta' materjalità.

- 1.4. Il-Kunsill jieħu nota tar-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq stmati mill-Kummissjoni għall-intestaturi kollha tal-QFP, minbarra l-qasam ta' politika "Riżorsi naturali u ambjent". Għall-oqsma kollha ta' politika li għalihom ġew stmati r-riskji, ir-rati għadhom taħt il-livell ta' materjalità, ħlief għal "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri". Il-Kunsill jinnota l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni li l-indikatur li jirrappreżenta l-aħjar l-azzjonijiet kollha meħuda kemm mill-Istati Membri kif ukoll mis-servizzi tal-Kummissjoni jista' jkun ir-riskju fl-għeluq, li jkejjel il-livell ta' żball li jifdal ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet addizzjonali kollha, f'konformità mal-istrateġija pluriennali tal-Kummissjoni. Meta jitqies li l-programmi ta' nfiq u s-sistemi ta' kontroll relatati, kif ukoll iċ-ċikli ta' ġestjoni, ikopru diversi snin, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri applikati mill-Kummissjoni jistgħu jwasslu biex il-livell ta' żball jinġieb taħt il-materjalità. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li hemm limitazzjonijiet fil-kontrolli *ex post* tal-Kummissjoni u li r-riskju fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq irrappurtat mill-Kummissjoni huwa sottovalutat. Il-Kunsill jilqa', madankollu, il-fatt li għall-2024 id-differenza fir-rati ta' żball bejn il-Qorti u l-Kummissjoni tnaqqset sa ċertu punt.
- 1.5. Il-Kunsill jilqa' l-kollaborazzjoni u l-ħidma li saret s'issa mill-Qorti u l-Kummissjoni lejn l-allinjament ta' xi aspetti tal-metodoloġiji rispettivi tagħhom u l-grilja armonizzata biex jiġu kkwantifikati l-iżbalji proċedurali fl-akkwisti pubbliċi, li għandhom jiġu applikati mill-2025. Madankollu, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Qorti u l-Kummissjoni għandhom mandati differenti u għalhekk approċċi differenti fl-istima tal-iżbalji, il-Kunsill għadu mħasseb dwar il-grad ta' differenzi bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fl-interpretazzjoni tal-istess standards, leġislazzjoni, fatti u regoli. Għalhekk, il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet ikomplu d-djalogu.

- 1.6. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma mwettqa mill-korpi tal-awditjar fid-detezzjoni tal-iżbalji u tal-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, kif ukoll l-isforzi kontinwi u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kunsill jirrikonoxxi n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Abbażi tas-sejbiet tal-Qorti, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tinvolvi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar bil-ħsieb li ssaħħaħ il-ħidma tagħhom, jiskambjaw l-aħjar prattiki u jindirizzaw in-nuqqasijiet.
- 1.7. Il-Kunsill ifakkar li l-livell ta' żball stmat tal-Qorti mhuwiex miżura ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela ta' fondi fih innifsu, iżda ta' pagamenti li ma sarux f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Il-Kunsill jinnota li fl-2024, il-Qorti rrappurtat 19-il każ ta' suspett ta' frodi lill-OLAF.
- 1.8. Il-Kunsill jenfasizza li, sabiex jinkiseb tnaqqis tar-rati ta' żball u tiġi żgurata ġestjoni effettiva u korretta tal-fondi tal-UE, leġiżlazzjoni inkluż miżuri implimentattivi rilevanti aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli għandhom jibqgħu prijorità ewlenija. Il-Kunsill, għalhekk, jappella lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm fejn rilevanti biex jidentifikaw, jivvalutaw u jissimplifikaw regoli u proċeduri kumplessi bla bżonn, kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-benefiċjarji, filwaqt li jippreservaw l-istandards u r-rekwiżiti essenzjali meħtieġa għall-obbligu ta' rendikont, il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-legalità u r-regolarità tal-infiq. Il-Kunsill jinnota li 68,9 % tal-popolazzjoni tal-awditjar kienet prinċipalment magħmula minn tranżazzjonijiet ta' rimborż tal-ispejjeż, ivvalutati mill-Qorti bħala nefqa b'riskju għoli, li tirrappreżenta żieda minn 64,4 % fl-2023. Din it-tip ta' nefqa kienet milquta minn livell sinifikanti ta' żball minħabba l-kumplessità tar-regoli, li rriżultat frata stmata ta' żball ta' 5,2 %, tnaqqis minn 7,9 % fl-2023. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, fejn applikabbli, iżżid l-enfasi fuq indikaturi tal-prestazzjoni bbażati fuq ir-riżultati li jistgħu jkunu marbuta direttament mal-azzjonijiet tal-UE, bil-ħsieb li jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż amministrattiv.

KAPITOLU 2
ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

- 2.1. Il-Kunsill jieħu nota tal-implimentazzjoni kważi sħiħa tal-baġit tal-impnġi u l-pagamenti disponibbli fl-2024, tal-assorbiment kważi ffinalizzat tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża għall-QFP 2014-2020, kif ukoll tal-aċċellerazzjoni tal-assorbiment supplimentari tal-NGEU.
- 2.2. Il-Kunsill jieħu nota tat-tnaqqis fl-impnġi pendenti, taħt l-istimi, u li mingħajr aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni, b'mod partikolari għall-fondi ta' koeżjoni, l-ammont ta' dizimpenġi ser jiżdied.
- 2.3. Fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), il-Kunsill jieħu nota r-riskju għall-assorbiment f'waqt u għat-tlestija tal-miżuri, b'mod partikolari minħabba investimenti pendenti.
- 2.4. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-valutazzjoni tal-Qorti rigward l-esponiment akbar tal-baġit tal-UE bħala riżultat tas-self imwettaq għal ħtiġijiet addizzjonali b'reazzjoni għal kriżijiet multipli. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib dan ir-riskju, tillimita l-ħruġ ta' bonds u kambjali għall-ammonti legalment obligatorji u tikseb l-aktar kundizzjonijiet finanzjarji vantaġġużi għall-UE fuq perjodu medju sa twil, kif ukoll iżżomm lill-Istati Membri infurmati mill-qrib u bir-reqqa dwar l-istimi tagħha. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib u tqis l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE meta tippjana l-iskeda ta' ħlas lura tal-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU.

KAPITOLU 3
KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

- 3.1. Il-Kunsill jieħu nota tal-messaġġi ewlenin tal-Qorti dwar il-prestazzjoni, ir-riżultati misluta mir-rapporti speċjali tal-2024 dwar il-prestazzjoni, inkluż informazzjoni relatata mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mill-analiżi ta' kif il-Kummissjoni rrapportat dwar il-prestazzjoni fir-Rapporti annwali tagħha dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR) għall-2023 għall-intestatura 1 (*Suq uniku, innovazzjoni u diġitali*) tal-baġit tal-UE, kif ukoll mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tal-2021 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.
- 3.2. Il-Kunsill jinnota l-approċċ tal-Qorti li teżamina kif il-Kummissjoni rrapportat dwar il-prestazzjoni f'intestaturi differenti tal-QFP b'rotazzjoni annwali.
- 3.3. Fir-rigward tal-intestatura 1 analizzata fl-2024, il-Kunsill jieħu nota tal-qafas ġenerali stabbli tal-Kummissjoni, kif ukoll tal-lakuni li għandhom jiġu indirizzati dwar l-indikaturi, fir-rigward tal-affidabbiltà, il-faċilità ta' interpretazzjoni, it-traċċabbiltà tad-data, kif ukoll ir-rilevanza għall-utenti tal-programm, u jappella lill-Kummissjoni biex tirrormedja.
- 3.4. Il-Kunsill jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapporti speċjali tagħha tal-2024, kif ukoll is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-rapport dwar il-prestazzjoni, status fi tmiem l-2021.

KAPITOLU 4

DĦUL

- 4.1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-parti tad-dħul tal-baġit ma kinitx affettwata minn żball materjali fl-2024 u li s-sistemi eżaminati relatati mad-dħul ġew ivvalutati bħala ġeneralment effettivi.
- 4.2. Madankollu, il-Kunsill jieħu nota li xi elementi tas-sistemi ta' kontroll intern għall-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) ġew ivvalutati bħala parzjalment effettivi.
- 4.3. Barra minn hekk, il-Qorti kompliet issib dgħufijiet fil-ġestjoni u l-kontabbiltà tar-RPT minn ċerti Stati Membri u sabet li, f'xi każijiet, ir-rappurtar tad-data dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik mhuwiex kompletament konformi mar-regoli tal-UE.
- 4.4. Minkejja li l-Kummissjoni għalqet iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020-2024 kif ippjanat kif ukoll tnaqqis importanti tar-riżervi tal-ING imqiegħda, il-Kunsill jinnota, għal sena oħra konsekuttiva, l-osservazzjoni tal-Qorti li l-ħidma ta' verifikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-ING hija affettwata minn dewmien min-naħa tal-Istati Membri.
- 4.5. Il-Kunsill, fir-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur, ser jagħmel l-almu tiegħu biex jiffinalizza n-negozjati dwar ir-riforma doganali proposta mill-iktar fis possibbli. F'dan ir-rigward, u sabiex jitnaqqas l-ammont ta' dazji doganali mhux iddikjarati mill-importaturi jew iddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali, li jwassal għal nuqqas fid-dazji tal-importazzjoni miġbura, u jiġi mmitigat ir-riskju li r-RPT ma jkunux kompluti, il-Kunsill jappoġġa bil-qawwa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex taċċellera t-tnejniet tagħha għall-implimentazzjoni tar-riforma doganali proposta fir-rigward tal-operat inizjali tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sa tmiem l-2026.

4.6. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistema simplifikata tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ma kinitx tinkludi l-impatt fuq il-kontribuzzjonijiet ġenerali u individwali tal-Istati Membri, kif ukoll tal-fatt li l-Qorti inkludiet dik il-valutazzjoni fl-eżami tagħha tal-impatt tas-simplifikazzjoni tas-sistema tal-VAT.

KAPITOLU 5
SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

- 5.1. Il-Kunsill jieħu nota tal-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għall-qasam tal-politika "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" ta' 3,2 % fl-2024 li niżel minn 3,3 % fl-2023, u jiddispjaċih li għadu oġhla mil-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tar-riskju stmat tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament għall-intestatura ta' 1,6 %.
- 5.2. Il-Kunsill jinnota li n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għadha l-aktar waħda milquta mill-iżbalji relatati mal-ispejjeż tal-persunal u jiddispjaċih dwar il-persistenza tagħhom. Huma rikonoxxuti l-isforzi tal-Kummissjoni lejn is-simplifikazzjoni u l-gwida lill-benefiċjarji u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Orizzont Ewropa. Madankollu, għall-2024, l-impatt għadu limitat.
- 5.3. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha lejn is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal u l-kalkolu tagħhom, u biex tipprovdi aktar appoġġ lill-benefiċjarji f'dan ir-rigward. B'dan il-mod, il-Kummissjoni hija mistiedna tislet tagħlimiet minn tranżazzjonijiet tal-imġhoddi, u tibni fuqhom, fid-dawl ta' applikazzjoni aktar ġenerali ta' somom f'daqqa. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli l-valutazzjoni u l-kontrolli tagħha fuq l-istimi tal-kostijiet ipprovduti bil-quddiem mill-benefiċjarji għal kull kategorija ta' spejjeż, biex tissaħħaħ il-fiduċja.
- 5.4. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar il-kwistjonijiet indikati mill-Qorti rigward l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE permezz ta' appoġġ minn partijiet terzi taħt programmi ta' riċerka, li jirrappreżenta tip dejjem akbar ta' finanzjament. Ta' min jinnota li l-benefiċjarji mhumiex meħtieġa juru l-effettività tal-kontrolli tagħhom biex jiżguraw ir-regolarità tal-infiq tal-UE minn partijiet terzi.
- 5.5. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jappella lill-Kummissjoni biex terġa' teżamina l-kontrolli tagħha, sabiex ittejjeb il-verifiki dwar il-konformità mal-limitu massimu għal dan it-tip ta' finanzjament, kif ukoll dwar l-eżistenza ta' ftehimiet bejn il-benefiċjarji u partijiet terzi, bil-ħsieb li jiġu ggarantiti l-obbligi fir-rigward tad-dover ta' rendikont tal-finanzjament, ir-rekord tal-awditjar u l-verifiki, kif meħtieġ fil-qafas tal-ġhotjiet tal-UE.

KAPITOLU 6
KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI

- 6.1. Il-Kunsill jiddispjaċih li r-rata ta' żball għadha oġġla mil-livell limitu ta' materjalità, u jinnota li għad hemm bżonn ta' titjib biex ikompli jitnaqqas il-livell ta' żball fil-futur. Madankollu, il-Kunsill jilqa' t-tnaqqis fir-rata ta' żball meta mqabbla mas-sena preċedenti, minn 9,3 % fl-2023 għal 5,7 % fl-2024. Il-Kunsill jieħu nota tar-riskju stmat tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament għall-fondi tal-politika, li jvarja bejn it-2,3 % u t-3,2 %.
- 6.2. Il-Kunsill jinnota li l-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għall-programmi ta' koeżjoni huwa ta' natura annwali kif ukoll pluriennali. Filwaqt li r-regoli attwali huma mibnija madwar sistema bbażata fuq l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tal-kontijiet annwali, il-programmi jkopru diversi snin. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni, bħala manager tal-baġit tal-UE, tistabbilixxi strateġiji ta' kontroll pluriennali mfassla biex jipprevjenu l-iżbalji u, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jidentifikawhom u tapplika korrezzjonijiet qabel l-għeluq tal-programmi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli twettaq awditi mmirati speċifiċi, biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu applikaw il-korrezzjoni finanzjarja meħtieġa għal żbalji identifikati f'sena kontabilistika partikolari, li jaffettwaw ukoll in-nefqa fi snin kontabilistiċi oħra. Il-Kunsill jinnota l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li ma hemm l-ebda skadenza regolatorja biex il-baġit tal-UE jkompli jiġi protett u li l-korrezzjonijiet xorta jistgħu jseħħu ħafna snin wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali jew l-għeluq ta' programm.

- 6.3. Diversi fatturi setgħu poġġew pressjoni fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri matul il-perjodu tat-tranżazzjonijiet awditjati, inkluż restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 u riżorsi amministrattivi limitati minħabba l-implimentazzjoni parallela tal-RRF. Dawn setgħu żiedu r-riskju li l-infiq mhux dejjem ikun regolari u kompletament konformi mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Kunsill ifakkar li l-introduzzjoni tal-finanzjament tal-UE ta' 100 % fil-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni ppermettiet rispons rapidu għal ċirkostanzi mhux previsti. Il-Kunsill ta attenzjoni partikolari lil dan it-tip ta' tranżazzjonijiet matul l-analiżi tar-rapport annwali tal-2023, u jinnota li, għall-2024, il-Qorti u l-Kummissjoni ma jaraw l-ebda evidenza li l-finanzjament tal-UE ta' 100 % huwa aktar suxxettibbli għall-iżbalji, jew li għandu impatt oġġla fuq ir-rata ġenerali ta' żbalji.
- 6.4. Il-Kunsill jieħu nota li l-Qorti għadha tosserva nuqqasijiet fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-proporzjon ta' nefqa koperta minn pakketti ta' aċċertament awditjati b'rati ta' żball residwali ta' aktar minn 2 % naqas għal 44 % fl-2024, u jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għat-titjib miksub s'issa, b'mod partikolari l-adozzjoni f'Diċembru 2024 ta' pjan ta' azzjoni biex tittejjeb il-kapaċità ta' detezzjoni tal-awtoritajiet tal-programm abbażi tar-rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa mill-awditi tal-Qorti u tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jstieden lill-Kummissjoni tkompli tgħin lill-awtoritajiet tal-awditjar itaffu r-riskju ta' żball, u jaħdmu flimkien b'mod partikolari għal ippjanar aħjar u kampjunar aktar rappreżentattiv, b'evidenza suffiċjenti u affidabbli li ssostni l-konformità tal-eliġibbiltà, kif ukoll għall-iżgurar ta' evidenza u rekord tal-awditjar xierqa u affidabbli.
- 6.5. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforz biex jiġu ssimplifikati l-programmi ta' koeżjoni permezz ta' użu akbar ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati u finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż, il-Kunsill jstieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm ikomplu jindirizzaw żbalji rikorrenti u jxerrdu Prattiki tajbin bil-ħsieb li jitnaqqsu l-okkorrenza u l-impatt tal-infiq irregolari. B'mod partikolari, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni tivverifika u tiżgura, flimkien mal-Istati Membri, li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni b'rata fissa jintuża b'mod korrett u ma għandux jipprevjeni l-possibbiltà li jinbdew irkupri individwali kif meħtieġ.

KAPITOLU 7
RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

- 7.1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għal pagamenti fil-qasam tal-politika "Riżorsi naturali" żdied minn 2,2 % fl-2023 għal 2,6 % fl-2024, u għalhekk il-livell ta' żball għadu oġġla mil-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni ma għadhiex ttiprovdi stima tar-riskju mal-pagament għall-intestatura, u minflok tiffoka fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' governanza tal-Istati Membri, u li l-biċċa l-kbira tan-nefqa għadha ta' riskju baxx, bħal fi snin preċedenti.
- 7.2. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-pagamenti diretti, li jammontaw għal 59,2 % taħt l-intestatura tal-QFP, baqgħu ħielsa minn żbalji materjali, ħlief għall-ekoskemi. Il-Kunsill jinnota li l-livell ta' żball għall-ekoskemi huwa essenzjalment skattat mill-kumplessità u mill-profil ta' riskju għoli ta' dan it-tip ġdid ta' intervent, introdott skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-2023-2027.
- 7.3. Għalhekk, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil tal-ekoskemi tagħhom, b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni tagħhom, anke billi tikkapitalizza fuq l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-ewwel skemi.
- 7.4. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-iżvilupp rurali u jilqa' l-fatt li l-għadd ta' żbalji kwantifikabbli identifikati, prinċipalment skattati minn nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, li huma aktar kumplessi meta mqabbla ma' daww applikabbli għall-pagamenti diretti, kien limitat.
- 7.5. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-miżuri korrettivi applikati mill-Istati Membri naqqsu l-livell ta' żball stmat b'0,4 punti perċentwali, filwaqt li jinnota li l-livell stmat għal dan il-kapitolu seta' kien 2,2 punti perċentwali aktar baxx li kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha disponibbli. Għalhekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri bil-ħsieb li jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji.

KAPITOLU 8

MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRONTIERI, SIGURTÀ U DIFIŻA

- 8.1. Il-Kunsill jinnota li, fir-rigward tal-intestaturi 4 (*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*) u 5 (*Sigurtà u Difiża*), l-awditu tal-Qorti reġa' ma kienx rappreżentattiv tan-nefqa taħt dawn iż-żewġ intestaturi, minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kunsill. Konsegwentement, il-Qorti ma stmatx ir-rati ta' żball għal dawn l-intestaturi. Fid-dawl tal-fokus politiku akbar fuq dawn l-oqsma ta' politika u l-baġit dejjem jikber tagħhom, il-Kunsill itenni t-talba tiegħu lill-Qorti biex tinkludi kampjun rappreżentattiv fl-ambitu tal-awditjar tagħha u tipprovi rata ta' żball għall-intestaturi fis-snin li ġejjin.
- 8.2. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet persistenti li ltaqgħet magħhom il-Qorti biex tikseb aċċess għal dokumenti minn xi organizzazzjonijiet internazzjonali, li konsegwentement ostakolaw il-kapaċità tal-Qorti li twettaq l-awditu tagħhom. Il-Kunsill ifakkar li skont it-TFUE, il-Qorti hija intitolata li tirċievi aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tindirizza l-kwistjoni, billi tirrevedi l-arranġamenti kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fejn meħtieġ, bil-ħsieb li jiġu ċċarati u implimentati l-obbligi relatati mal-finanzjament tal-UE, b'rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u fir-Regolament Finanzjarju.
- 8.3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni s'issa u jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal aktar gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni tal-finanzjament tad-DĠ HOME permezz ta' ġestjoni kondiviża, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sejnhiet għal proposti u l-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet.

KAPITOLU 9
IL-VIĊINAT U D-DINJA

- 9.1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-eżami tal-Qorti kien rappreżentattiv tal-infiq taħt il-qasam ta' politika "Il-viċinat u d-dinja" għas-sena 2024, u li l-Qorti pprovdiet livell stmat ta' żball għall-kapitolu.
- 9.2. Madankollu, il-Kunsill jiddispaċih dwar ir-rata għolja ta' żball ta' 4,9 % identifikata għall-intestatura, li hija ogħla mil-livell limitu ta' materjalità, u hija kkawżata prinċipalment minn nefqa kkwalifikata bħala ta' riskju għoli.
- 9.3. Il-Kunsill jinnota li, bħal fis-snin preċedenti, it-tipi ewlenin ta' żbalji identifikati kienu jikkonċernaw "kaskata" ta' spejjeż, fejn spejjeż indiretti ġew irrappurtati bħala spejjeż diretti u ineliġibbli tal-persunal, nuqqasijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u kwistjonijiet fl-ikklerjar ta' pagamenti bil-quddiem bħala spejjeż imġarrba.
- 9.4. Fir-rigward tal-iżbalji li nstabu fi tranżazzjonijiet relatati ma' kuntratti taħt ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastri, li jirrappreżentaw l-akbar proporzjon, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-verifiki u l-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-UE u tikseb aktar assigurazzjoni dwar in-nefqa ġġustifikata minn awtodikjarazzjonijiet mill-benefiċjarji.
- 9.5. Il-Kunsill jappoġġa wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-linji gwida għall-benefiċjarji, b'informazzjoni aktar ċara u konsistenti, biex tnaqqas ir-riskji ta' żbalji, u biex tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja.

9.6. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Kummissjoni b'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha tal-2020, il-Kunsill jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet persistenti li ltaqgħet magħhom il-Qorti biex tikseb aċċess għal dokumenti minn xi organizzazzjonijiet internazzjonali, li konsegwentement ostakolaw il-kapaċità tal-Qorti li twettaq l-awditu tagħhom. Il-Kunsill ifakkar li skont it-TFUE, il-Qorti hija intitolata li tirċievi aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għal dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompitu tagħha, u jstieden lill-Kummissjoni tkompli tindirizza l-kwistjoni, billi tirrevedi l-arranġamenti kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fejn meħtieġ, bil-ħsieb li jiġu ċċarati u implimentati l-obbligi relatati mal-finanzjament tal-UE, b'rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u fir-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 10
AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

- 10.1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li n-nefqa amministrattiva relatata tal-istituzzjonijiet tal-UE baqgħet, bħal fi snin preċedenti, ħielsa minn żbalji materjali.
- 10.2. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-iżbalji rikorrenti identifikati mill-Qorti fil-ġestjoni tal-appropriazzjonijiet tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew u n-nuqqas ta' konformità persistenti tal-proċeduri ta' akkwist tiegħu mar-Regolament Finanzjarju.
- 10.3. Il-Kunsill jieħu nota tal-iżbalji mhux kwantifikabbli identifikati mill-Qorti fil-pagamenti u l-akkwisti tal-Kummissjoni, fosthom il-bejgħ u l-użufrutt ta' 23 binja kkuntrattati f'April 2024 u tranżazzjonijiet relatati mas-salarji jew il-pensjonijiet u l-kalkolu tal-intitolamenti. Il-Kunsill, għalhekk, jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri u l-kontrolli tagħha qabel ma tikkuntratta s-servizzi u biex issaħħaħ l-indipendenza tal-membri tal-kumitati ta' evalwazzjoni.
- 10.4. Filwaqt li jilqa' l-miżuri li diġà ttejdu bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu, il-Kunsill jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti dwar dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist u l-pagamenti tal-kiri tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u jistieden ukoll lill-istituzzjoni tirrimedja s-sitwazzjoni.
-

KAPITOLU 11

FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

- 11.1. Il-Kunsill huwa mħasseb li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa tal-RRF li, bħal fi snin preċedenti, kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.
- 11.2. Il-Kunsill jieħu nota li l-Qorti eżaminat 395 stadju importanti u mira minn total ta' 744, u għamlet konklużjonijiet dwar sejbiet b'impatt finanzjarju għal 12-il stadju importanti u mira taħt 6 pagamenti. Il-Kunsill jinnota wkoll l-assigurazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-istadji importanti u tal-miri kollha, li b'riżultat tagħha sitt stadji importanti u miri taħt ħames talbiet għal pagament ta' għotjiet ġew ivvalutati bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti.
- 11.3. Il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar id-differenzi fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Qorti dwar is-sejbiet kwantitattivi rrappurtati kollha u jinnota n-nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Il-Kunsill ifakkar li l-RRF hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, li huwa mibni fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri aktar milli fuq ir-rimborż tan-nefqa eliġibbli. L-iżbalji li nstabu, prinċipalment marbuta mal-interpretazzjoni tat-terminu "lħuq sodisfaċenti", finanzjament doppju, b'mod partikolari għall-każ ta' "miżuri mingħajr spejjeż", proċeduri ta' treġġigħ lura u l-bidu tad-data ta' eliġibbiltà, kienu r-riżultat ta' kriterji differenti għall-valutazzjoni, minħabba l-interpretazzjoni diverġenti ta' xi dispożizzjonijiet mhux ċari fil-leġislazzjoni mill-Qorti u mill-Kummissjoni. Dan jista' jwassal għal konklużjonijiet differenti u potenzjalment jaffettwa l-koerenza u l-prevedibbiltà tal-governanza tal-RRF.
- 11.4. L-Istati Membri segwew il-linji gwida tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-RRF. Il-Kunsill iwissi dwar bidliet fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni matul l-implimentazzjoni, li ma għandhiex twassal għal regoli ġodda, rekwiżiti kontradittorji jew kundizzjonijiet aktar restrittivi imposti ex post fuq l-Istati Membri. Il-Kunsill jindika l-importanza tal-kooperazzjoni istituzzjonali biex ikun hemm fehim komuni tal-qafas legali biex tiġi ffaċilitata l-bqija tal-implimentazzjoni tal-RRF, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-oġġettivi tal-RRF.

11.5. Barra minn hekk, u meta jitqies li l-RRF qed toqrob lejn tmiemha, il-Kunsill jappella lill-Qorti u lill-Kummissjoni biex jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda, li jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi linji gwida u regoli ta' implimentazzjoni li jkunu koerenti mar-regolamenti tal-UE u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ibbażati fuq interpretazzjoni maqbula b'mod komuni tad-dispożizzjonijiet legali, konsistenti fil-programm kollu, u kkomunikati qabel il-bidu tal-implimentazzjoni, bil-ħsieb li tiġi evitata l-inċertezza fl-implimentazzjoni u l-piż amministrattiv. B'dan il-mod, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni trawwem ukoll titjib possibbli ieħor, b'has-simplifikazzjoni u l-kjarifika tar-regolamenti, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà u timminimizza l-piż amministrattiv.

11.6. Fl-aħħar nett, il-Kunsill itenni li l-awditi, il-kontrolli u l-approċċi metodoloġiċi għandhom jibqgħu proporzjonati mat-tfassil ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-RRF u jiżguraw li l-enfasi fuq ir-riżultati ma tiġix imminata. Għalhekk, il-Kunsill jappella liż-żewġ istituzzjonijiet biex iqisu l-proporzjonalità fit-twettiq tal-awditi u l-kontrolli.

KAPITOLU 12

SEGWITU TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET LI SARU F'RAPPORTI SPEĊJALI MILL- 2021

- 12.1. Il-Kunsill jieħu nota tal-kapitolu l-ġdid tar-rapport, li jagħti ħarsa ġenerali simplifikata lejn iż-żamma ta' rendikont ta' segwitu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti għal dawn l-aħħar tliet snin.
- 12.2. Ġiet innotata xejra pożittiva għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali aċċettati bis-sħiħ jew parzjalment, minn 93 % fl-2023 għal 98 % fl-2024, kif ukoll għall-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira, minn 68 % fl-2023 għal 76 % fl-2024. Fl-istess ħin, l-implimentazzjoni f'waqtha għadha lura, b'marġni ta' manuvrar għal titjib sinifikanti.
- 12.3. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli timplimenta r-rakkomandazzjonijiet u ttejjeb ir-rata ta' tlestija ta' 77 %, u tistinka biex tikkonforma mal-iskadenzi maqbula.
-